MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 589/2003

**Sigma Design Limited u b'digriet tal-1 ta' April 2003 isem is-socjeta' attrici gie korrett ghal 'Sign Design Limited'**

**vs**

**Basement Design Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Marzu 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u erbghin lira Maltin u hames entezmi (Lm846.05) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta lis-socjeta' attrici bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fil-perijodu bejn Settembru 2001 u Novembru 2002.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra d-digriet tal-11 ta’ April 2003 fejn giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens ili isem is-socjeta’ attrici gie mibdul minn ‘Sigma Design Limited’ ghal ‘Sign Design Limited’.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Edward Gatt in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tmien mija u sitta u erbghin lira Maltin u hames entezmi (Lm846.05), bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------